**JUNIOR SCHOOL**

**CONVENT OF THE SACRED HEART SCHOOL FOUNDATION**

**EŻAMI ANNWALI – KARTA MUDELL**

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN** **20 minuta**

ISEM____________________ REĠ___ KLASSI___________

Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba. (10 marki)

1. Il-vapur kien daħal fil-port ta'
   a) Ruma.
   b) Italja.
   ċ) Sirakuża.
   d) Sardinja.

2. Wiġi u Katrin kienu se jmorru safra
   a) Spinola.
   b) Sqallija
   ċ) Spanja.
   d) Sardinja.

3. Katrin ħasbet li l-Kaptan ħawwad it-triq għax
   a) ma kienx jaf it-triq.
   b) kien għajjien wisq.
   ċ) kien id-dlam.
   d) kien għamel żball oħxon.

4. Ftit wara li niżlu l-art Wiġi u Katrin marru
   a) l-lukanda.
   b) daru dawra mal-belt.
   ċ) daru dawra mal-port.
   d) d-dwana.

5. Il-fizzjal kien
   a) kbir fiż-żmien.
   b) oħxon.
   ċ) żgħir fiż-żmien.
   d) irqiq.

6. Wiġi qiegħed il-bagoll

a) fuq mejda kbira.
b) fuq bank twil.
ċ) fuq banketta.
d) mal-art.

7. Wiġi ħaseb li ċ-ċwievet kienu

a) fil-bwiet tal-bagoll.
b) fil-bwiet tal-ġlekk.
ċ) għand Katrin.
d) għand il-fizzjal.

8. Il-fizzjal beda jiftaħ il-bagolli biex

a) jara x'għandhom għax kien kurjuż.
b) isibilhom iċ-ċwievet.
ċ) jara jekk għandhomx xi kuntrabandu.
d) jarrestahom.

9. Meta Katrin saret taf li l-fizzjal kien se jfittex fil-bagoll tagħhom hi

a) ħadet gost.
b) ħadet għalija.
ċ) bdiet tfittex iċ-ċwievet.
d) fetħet il-bagoll malajr.

10. L-espressjoni **'kellhom seba' mitt sena'** tfisser li

a) kienu xjuħ ħafna.
b) kienu mdejqin.
ċ) kellhom xewqa kbira.
d) kienu għajjenin.

**Id-Dwana**

Hekk kif il-vapur ittrakka mal-moll fil-port ta' Sirakuża, il-passiġġieri bdew iħejju ruħhom biex jinżlu l-art. Uħud minnhom kellhom seba' mitt sena sakemm jibdew iduru l-belt billi din kienet l-ewwel darba li kienu siefru, oħrajn kienu qed jistennew b'ħerqa kbira li jinżlu l-art u jmorru fil-lukanda ħa jistrieħu wara lejl imqajmin bi stonku mqalleb.

'Wasalna Katrin !' qalilha Wiġi. 'Minn hawn u ftit ieħor ninżlu l-art !'
F'dak il-ħin Katrin semgħet lil dawk ta' madwarha jsemmu li kienu daħlu fil-port ta' Sirakuża u hawn inħasdet.

'Wiġi !' qaltlu. 'Rajtx kif sewwa għidtlek ?'
'X'ġaralek issa ?
'Sewwa ħsibt jien li fid-dlam kollu l-Kaptan faċli li jitfixkel u jeħodna band'oħra ! Aħna mhux Sqallija kellna mmorru ? Hawn aħna, daħħalna Sirakuża !'
'Kieku ma titkellem xejn ikun ferm aħjar Katrin ! Ħlief ħmerijiet m'għedtx minn mindu tlaqna minn Malta ! Sirakuża huwa port fi Sqallija !'

Katrin ma tkellmitx. Indunat li kienet ħadet żball oħxon iżda min-naħa l-oħra kienet ferħana li l-biża' tagħha ma seħħx. Ftit wara niżlu l-art u bdew mexjin id-dwana. Wiġi qiegħed il-bagoll fuq bank twil fejn il-fizzjali tad-dwana kienu qed jiċċekkjaw il-valiġġi. Wieħed fizzjal imdaħħal fiż-żmien resaq lejhom u għamel sinjal lil Wiġi biex jiftaħ il-bagoll.
'Dan x'irid ?' staqsietu Katrin.
'Iridni niftaħ il-bagoll ħa jara x'għandna,' weġibha Wiġi fil-waqt li beda jgħarrex għaċ-ċwievet fil-bwiet tal-ġlekk.

'Kif inhi din ? Ara ma tiftaħx bagolli tafx ! Din x'inhi affari tiegħu x'għandna ? X'kull waħda wkoll ? Ara ma tismax minnu tafx !' widdbitu Katrin.
'Katrin, f'ġieħ kemm hemm, oqgħod kwieta. Dan tad-dwana u jekk jordnalek biex tiftaħ il-bagoll trid tobdih inkella jarrestawna !' beda jfehimha Wiġi fil-waqt li kompla jfittex iċ-ċwievet.
'Imma għalfejn irid ikun jaf x'għandna ?' reġgħet staqsiet Katrin.
'Biex jara jekk għandniex xi kuntrabandu !' weġibha Wiġi biex jeħles minnha.
'Isma' x'kull waħda ! Dan x'ħasibna lilna ! Ara għidlu li aħna nies sewwa. Lilna kulħadd jafna.... Ġej bil-kuntrabandu......' u kompliet tgerger kemm tiflaħ.

*Silta meħuda minn 'Darbtejn Insiru Tfal' ta' Charles Casha.*